



Brussell, is-26 ta' Mejju 2020
REV2 – jissostitwixxi l-avviż (REV1)
bid-data tat-18 ta' Lulju 2019

AVVIŻ GĦALL-PARTIJET INTERESSATI

IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT U R-REGOLI TAL-UE FIL-QASAM TAL-ISMIJET TAD-DOMINJU .EU

Mill-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni Ewropea u sar "pajjiż terz"¹. Il-Ftehim dwar il-Hruġ² jipprevedi perjodu ta' tranżizzjoni li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020³. Sa dik id-data, il-liġi tal-UE kollha kemm hi tapplika għar-Renju Unit u fih⁴.

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-UE u r-Renju Unit se jinneozjaw ftehim dwar sħubija ġdida, li jipprovdi b'mod partikolari għal żona ta' kummerċ ħieles. Madankollu, m'hemmx ċertezza dwar jekk jintlaħaqx ftehim bħal dan u jekk jidħolx fis-seħħ fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Fi kwalunkwe każ, tali ftehim johlq relazzjoni li f'termini ta' kundizzjonijiet ta' aċċess għas-suq se tkun differenti ħafna mill-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fis-suq intern,⁵ fl-Unjoni Doganali tal-UE, u fil-qasam tal-VAT u s-sisa.

Barra minn hekk, wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni r-Renju Unit se jkun pajjiż terz fir-rigward tal-implimentazzjoni u tal-applikazzjoni tal-liġi tal-UE fl-Istati Membri tal-UE.

Għaldaqstant, il-partijiet interessati kollha, u speċjalment l-operaturi ekonomiċi, huma mfakkra dwar is-sitwazzjoni legali wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni.

Avviż lill-partijiet ikkonċernati:

¹ Pajjiż terz huwa pajjiż mhux membru tal-UE.

² Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7 ("Il-Ftehim dwar il-Ħruġ").

³ Il-perjodu ta' tranżizzjoni jista', qabel l-1 ta' Lulju 2020, jiġi estiż darba b'sena jew sentejn (l-Artikolu 132(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ). Il-Gvern tar-Renju Unit s'issa eskluda tali estensjoni.

⁴ Soġġett għal ċerti eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 127 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, li l-ebda waħda minnhom ma hija rilevanti fil-kuntest ta' dan l-avviż.

⁵ B'mod partikolari, ftehim ta' kummerċ ħieles ma jipprovdi għal kunċetti tas-suq intern (fil-qasam tal-prodotti u s-servizzi) bħar-rikonoxximent reċiproku, il-"prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini", u l-armonizzazzjoni. Lanqas ma hemm ftehim ta' kummerċ ħieles li jneħħi l-formalitajiet u l-kontrolli doganali, inklużi dawk li jikkonċernaw l-oriġini tal-merkanzija u l-input tagħhom, kif ukoll projbizzjonijiet u restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet.

Biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi stabbiliti f'dan l-avviż, il-partijiet ikkonċernati huma partikolarment irrakkomandati li:

- jivvalutaw jekk humiex/jibqgħux eliġibbli li jkollhom isem tad-dominju.eu wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni jekk ikunu jirrisjedu/ikunu stabbiliti fir-Renju Unit u, jekk iva, jieħdu l-miżuri xierqa.
- jivvalutaw jekk il-ftehimiet bejn ir-reġistranti u r-reġistraturi tal-ismijiet tad-dominju .eu jikkonformawx mal-kundizzjonijiet stabbiliti mil-liġi tal-UE.

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-regoli tal-UE fil-qasam tad-Dominju tal-Ogħla Livell .eu, u b'mod partikolari r-Regolament (KE) Nru 733/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' April 2002 dwar l-implimentazzjoni tad-Dominju tal-Ogħla Livell .eu,⁶ ⁷ ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit. Dan iwassal, b'mod partikolari, għall-konsegwenzi li ġejjin:

1. REĠISTRAZZJONI U TIĠDID TA' ISMIJET TA' DOMINJU

Skont l-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru 733/2002, kif emendat bir-Regolament (UE) 2019/517, b'seħħ mid-19 ta' Ottubru 2019 il-persuni, l-impriżi u l-organizzazzjonijiet li ġejjin huma eliġibbli biex jirreġistraw ismijiet ta' dominju .eu:

- (i) ċittadin tal-Unjoni, indipendentement mill-post tar-residenza tiegħu jew tagħha;
- (ii) persuna fiżika li ma tkunx ċittadin tal-Unjoni u li tkun residenti fi Stat Membru;
- (iii) impriża li tkun stabbilita fl-Unjoni; jew
- (iv) organizzazzjoni stabbilita fl-Unjoni mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-liġi nazzjonali.

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-*impriżi* u l-*organizzazzjonijiet* stabbiliti fir-Renju Unit iżda mhux fl-UE u *ċ-ċittadini ta' pajjiż terz* (jiġifieri nies mhux ċittadini tal-UE) li jirrisjedu fir-Renju Unit mhumiex se jibqgħu eliġibbli li jirreġistraw ismijiet ta' dominju .eu jew, jekk ikunu reġistranti .eu, li jġeddu ismijiet ta' dominju .eu rreġistrati qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.

Reġistraturi .eu akkreditati mhux se jkunu intitolati li jipproċessaw kwalunkwe talba għar-reġistrazzjoni jew għat-tiġdid ta' reġistrazzjonijiet ta' ismijiet ta' dominju .eu minn dawk l-impriżi, organizzazzjonijiet u persuni.

⁶ ĠU L 113, 30.4.2002, p. 1.

⁷ Innota li l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 733/2002 huwa emendat, b'effett mid-19 ta' Ottubru 2019, permezz tar-Regolament (UE) 2019/517 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 dwar l-implimentazzjoni u l-funzzjonament tal-isem ta' dominju tal-ogħla livell .eu u li jemenda u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 733/2002 u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 874/2004, ĠU L 91, 29.3.2019, p. 25.

2. REVOKA TA' ISMIJET TA' DOMINJU RREĠISTRATI

Meta, wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni u bħala riżultat tal-ħruġ tar-Renju Unit, detentur ta' isem ta' dominju ma jibqax jissodisfa l-kriterji ta' eliġibbiltà ġenerali skont l-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament (KE) 733/2002, ir-Reġistru tad- .eu se jkun intitolat li jirrevoka dak l-isem ta' dominju fuq inizjattiva tiegħu u mingħajr ma jibgħat id-disputa għal xi ssetiljar extraġudizzjarju ta' kunflitti f'konformità mal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 874/2004⁸.

3. DRITTJIET LI JISTGĦU JIĠU INVOKATI FIL-PROĊEDURI GĦAR-REVOKA TA' REĠISTRAZZJONIJIET SPEKULATTIVI U ABUŻIVI

Skont l-Artikolu 21(1) tar-Regolament (KE) 874/2004, isem reġistrat ta' dominju huwa soġġett li jiġi revokat, permezz ta' proċedura xierqa extraġudizzjarja jew ġudizzjarja, meta dak l-isem ikun identiku jew simili b'tali mod li joħloq konfużjoni ma' isem li fir-rigward tiegħu ikun hemm dritt rikonoxxut jew stabbilit b'liġi nazzjonali u/jew tal-Unjoni u meta l-isem reġistrat ta' dominju kien is-suġġett ta' reġistrazzjoni spekulattiva u abużiva kif deskritt f'dak l-Artikolu.

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, id-drittijiet rikonoxxuti jew stabbiliti mir-Renju Unit, iżda mhux mill-Istati Membri tal-UE jew mill-Unjoni, ma jistgħux jibqgħu jiġu invokati fi proċeduri skont l-Artikolu 21(1) tar-Regolament (KE) 874/2004. B'kuntrast, id-drittijiet rikonoxxuti mill-Istati Membri tal-UE jew mill-Unjoni, li joriġinaw minn strumenti internazzjonali, bħad-drittijiet li joriġinaw minn Artikolu 6bis tal-Konvenzjoni ta' Pariġi għall-Protezzjoni tal-Proprietà Industrijali u l-Artikolu 16(2) u (3) tal-Ftehim dwar l-Aspetti tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettuali relatati mal-Kummerċ, mhumiex affettwati.

4. LIĠI APPLIKABBLI FI FTEHIMIET BEJN RREGISTRATUR AKKREDITATI .EU U REĠISTRANTI .EU

F'konformità mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 874/2004, ftehimiet bejn ir-Reġistratur u r-reġistrant ta' isem ta' dominju .eu ma jistgħux jindikaw, bħala liġi applikabbli, xi liġi li ma tkunx il-liġi ta' xi wieħed mill-Istati Membri, u lanqas ma jistgħu jagħżlu xi korp għar-risoluzzjoni ta' disputi, sakemm ma jkunx magħżul mir-Reġistru tad-Dominju tal-Ogħla Livell .eu skont l-Artikolu 23 ta' dak ir-Regolament, u lanqas xi qorti ta' arbitraġġ jew qorti li tinsab barra l-UE.

Jekk xi ftehim bħal dan jindika bħala liġi applikabbli l-liġi tar-Renju Unit, ir-Reġistratur u r-reġistrant ikkonċernati jintalbu biex, wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, jemendaw il-ftehim rilevanti b'mod li jkun konformi mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 874/2004.

⁸ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 874/2004 tat-28 ta' April 2004 li jippreskrivi r-regoli tal-politika pubblika li jikkonċernaw l-implimentazzjoni u l-funzjonijiet tad-Dominju tal-Ogħla Livell .eu u l-prinċipji li jirregolaw ir-reġistrazzjoni (ĠU L 162, 30.4.2004, p. 40).

Is-siti web tal-Kummissjoni dwar ir-regoli tal-UE għas-suq uniku diġitali (<https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/the-top-level-domain-eu> u http://ec.europa.eu/ipg/basics/urls/doteu_en.htm) jipprovdu informazzjoni ġenerali dwar ir-regoli li jikkonċernaw id-Dominju tal-Ogħla Livell .eu. Dawn il-paġni jiġu aġġornati b'informazzjoni addizzjonali, fejn meħtieġ.

Il-Kummissjoni Ewropea

Id-Direttorat Ġenerali għan-Networks tal-Komunikazzjonijiet, il-Kontenut u t-Teknoloġija